



Strateġija tal-EUAA għat-Taħriġ u t-Tagħlim

Strateġija tal-EUAA għat-Taħriġ u t-Tagħlim

Marzu 2022



Il-manuskritt tlesta f'Marzu 2022

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

Print ISBN 978-92-9400-686-8 doi:10.2847/064969 BZ-03-22-056-MT-C
PDF ISBN 978-92-9400-706-3 doi:10.2847/067343 BZ-03-22-056-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2022

Ritratt/illustrazzjoni tal-qoxra: © iStock.com

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissewma' s-sors oriġinali. Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.





Werrej

1.	Sfond.....	4
2.	Definizzjonijiet.....	4
3.	Prinċipji.....	5
4.	Objettivi	7
5.	L-oqfsa ta' taħriġ	8
6.	L-analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ.....	9
7.	It-tfassil u l-iżvilupp tat-taħriġ.....	10
	7.1. Tffassil tat-taħriġ	10
	7.2. L-iżvilupp tal-materjal ta' taħriġ	10
	7.3. Rieżami tat-taħriġ	11
8.	It-twassil u l-faċilitazzjoni tat-taħriġ.....	11
	8.1. Grupp ta' Taħriġ tal-EUAA.....	12
9.	Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami perġodiku kontinwi	12



1. Sfond

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), stabbilita bir-[Regolament \(UE\) 2021/2303](#), hija responsabbli biex tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ażil fl-Istati Membri b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, u tiffaċilita u tappoġġa l-attivitajiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil ("SEKA"). L-Aġenzija għandha wkoll il-kompitu li ttejjeb il-funzjonament tas-SEKA, inkluż billi tipprovdi assistenza operazzjonali u teknika lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li s-sistemi ta' ażil u ta' akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni sproporzjonata.

Bl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EUAA għat-Taħriġ u t-Tagħlim ⁽¹⁾, l-EUAA hija impenjata li tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi taħriġ għall-membri tal-persunal tagħha stess, għall-membri tal-amministrazzjonijiet nazzjonali rilevanti, u għall-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-ażil u l-akkoljenza, u għall-membri tat-Timijiet ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil, inklużi dawk mhux impjegati mill-Aġenzija. L-appoġġ tal-EUAA f'dan il-qasam se jingħata permezz tal-iżvilupp kontinwu tal-kurrikulu Ewropew fil-qasam tal-ażil, li għandu l-għan li jippromwovi l-aħjar prattiki u standards għoljin fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ażil u l-akkoljenza. Permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' taħriġ u ta' tagħlim, l-EUAA se tikkontribwixxi għall-iżvilupp u t-tiżiż tal-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, filwaqt li żżomm standards komuni, u ttejjeb l-implimentazzjoni ġenerali tas-SEKA.

Din l-Istrateġija, li tissostitwixxi l-verżjoni preċedenti tal-Istrateġija tal-EASO għat-Taħriġ (2019), tiddekrivi l-prinċipji li jiggwidaw lill-EUAA fl-implimentazzjoni tal-mandat tagħha kif previst mill-Artikolu 8 tar-Regolament EUAA.

2. Definizjonijiet

F'dan id-dokument, it-termini li ġejjin huma definiti kif ġej:

- "akkreditazzjoni" tfisser proċess ta' assigurazzjoni tal-kwalità li permezz tiegħu jingħata status akkreditat lil fornitur tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ, li juri li jkun ġie approvat mill-awtoritajiet leġiżlattivi jew professjonali rilevanti billi jkun issodisfa l-istandards stabbiliti minn qabel.
- "ċertifikazzjoni" tfisser proċess ta' ħruġ ta' ċertifikat, diploma jew titolu li jiċċertifika formalment li sett ta' eżiti tal-apprendiment (għarfien, know-how, ħiliet u/jew kompetenzi) miksuba minn individwu ġew ivvalidati u vvalidati minn korp kompetenti skont standard predefinit.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija Nru 102 tas-7 ta' Marzu 2022 (EUAA/MB/2022/054) dwar l-Istrateġija tal-EUAA għat-Taħriġ u t-Tagħlim



- “kompetenza” tfisser il-ħila li wieħed juża l-għarfien, il-ħiliet u l-kapaċitajiet personali, soċjali u/jew metodoloġiċi f’sitwazzjonijiet ta’ xogħol jew ta’ studju u fl-iżvilupp professjonali u personali. Fil-kuntest tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-kompetenza hija deskritta f’termini ta’ responsabbiltà u awtonomija.
- “tagħlim formali” tfisser tagħlim li jseħħ f’ambjent organizzat u strutturat (bħal f’istituzzjoni tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ jew fuq ix-xogħol) u li huwa espliċitament maħsub bħala tagħlim (f’termini ta’ objettivi, ħin jew riżorsi). It-tagħlim formali huwa intenzjonali mill-perspettiva tal-istudent. Tipikament dan iwassal għal ċertifikazzjoni.
- “tagħlim informali” tfisser tagħlim li jirriżulta minn attivitajiet ta’ kuljum relatati max-xogħol, mal-familja jew mad-divertiment. Ma huwiex organizzat jew strutturat f’termini ta’ objettivi, ħin jew appoġġ għat-tagħlim. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, it-tagħlim informali ma huwiex intenzjonali mill-perspettiva tal-istudent.
- “eżiti tal-apprendiment” tfisser dikjarazzjonijiet dwar dak li student ikun jaf, jifhem u jkun kapaċi jagħmel mat-tlestija ta’ proċess ta’ tagħlim. Dawn huma definiti f’termini ta’ għarfien, ta’ ħiliet u ta’ responsabbiltà u awtonomija.
- “tagħlim mhux formali” tfisser tagħlim li huwa inkorporat f’attivitajiet ippjanati mhux speċifikati b’mod espliċitu bħala tagħlim (f’termini ta’ objettivi ta’ tagħlim, ħin ta’ tagħlim jew appoġġ għat-tagħlim), iżda li fih element importanti ta’ tagħlim. It-tagħlim mhux formali huwa intenzjonali mill-perspettiva tal-istudent. Tipikament dan ma jwassalx għal ċertifikazzjoni.

Definizzjonijiet oħra rilevanti għal din l-Istrateġija jistgħu jinstabu fil-Glossarju tal-EUAA tat-termini għat-taħriġ ⁽²⁾.

3. Prinċipji

F’konformità mar-Regolament EUAA, l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-EUAA għat-Taħriġ u t-Tagħlim għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ġejjin:

- (i) Fl-implimentazzjoni ta’ din l-Istrateġija, l-EUAA taddotta approċċ miftuħ, kostruttiv u dinamiku filwaqt li tibqa’ impenjata bis-sħiħ li żżomm l-oġġla standards ta’ kwalità, effiċjenza u trasparenza. Għal dan il-għan, l-EUAA se tiżviluppa Qafas ta’ Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ ibbażat fuq l-Istandards u Linji Gwida Ewropej għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta’ Edukazzjoni għolja (“ESG 2015”) ⁽³⁾. L-EUAA se tqis ukoll kif xieraq il-qafas

⁽²⁾ Disponibbli fuq: www.euaa.europa.eu

⁽³⁾ L-Istandards u Linji Gwida għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fiż-Żona Ewropea ta’ Edukazzjoni Għolja (ESG 2015) jintużaw mill-istituzzjonijiet u mill-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità bħala dokument ta’ referenza għas-sistemi interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja. Barra minn hekk, dawn jintużaw mir-Regjistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità (EQAR), li huwa responsabbli mir-regjistru tal-aġenziji li jikkonformaw mal-ESG.



tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-UE, inklużi l-prinċipji ta' Bologna ⁽⁴⁾ u ta' Copenhagen ⁽⁵⁾ u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja.

- (ii) L-EUAA se tikkoopera mill-qrib ma' u se tiddependi mill-impenn ta' diversi atturi li l-għarfien espert tagħhom jista' jikkontribwixxi għat-tfassil u t-twettiq ta' materjal ta' taħriġ u ta' tagħlim tal-EUAA. Dawn jinkludu primarjament l-awtoritajiet tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri iżda wkoll l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), kif ukoll l-entitajiet ta' taħriġ rilevanti, l-istituzzjonijiet akkademiċi, l-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, in-networks ta' taħriġ u organizzazzjonijiet rilevanti oħra. Din il-kooperazzjoni se sseħħ fost l-oħrajn fil-qafas tal-“Grupp ta' Referenza”, magħmul mill-Kummissjoni Ewropea, Aġenziji oħra tal-UE, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u atturi rilevanti oħra. Kif meħtieġ mir-Regolament EUAA, l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali u l-Forum Konsultattiv se jiġu kkonsultati dwar il-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil.
- (iii) L-attivitajiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tal-EUAA huma mmirati primarjament għall-awtoritajiet tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri ⁽⁶⁾. F'konformità mar-Regolament EUAA, l-Aġenzija se twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn l-attivitajiet lil awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra fl-Istati Membri. F'konformità mal-arranġamenti ta' ħidma rilevanti, din tista' tinkludi wkoll atturi oħra bħall-aġenziji tal-UE, il-UNHCR, l-akkademja, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili rilevanti u l-pajjiżi terzi, skont l-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EUAA.
- (iv) L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija se tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu lill-persunal tagħhom b'taħriġ ta' kwalità għolja bbażat fuq il-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil u f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni dwar l-ażil. B'mod partikolari, l-Istati Membri huma meħtieġa jinkludu partijiet ewlenin minn dak il-kurrikulu fit-taħriġ ipprovdut lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom. Dan min-naħa tiegħu se jikkontribwixxi għal konverġenza akbar tal-metodi, tad-deċiżjonijiet u tal-prattiki legali fl-Istati Membri f'konformità mas-SEKA.
- (v) L-EUAA hija impenjata lejn l-oġġla standards ta' mgħiba professjonali u etika fl-attivitajiet kollha ta' taħriġ tagħha. L-Aġenzija għandha, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ, tiżviluppa u tiġġestixxi Kodiċi ta' Kondotta għall-parteċipanti fl-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA, kif ukoll proċedura ta' lmenti dwar it-taħriġ li biha, fost l-oħrajn, il-ksur tal-Kodiċi jista' jinġieb għall-attenzjoni tal-EUAA għal investigazzjoni u segwitu adegwati.

⁽⁴⁾ Il-Proċess ta' Bologna huwa kooperazzjoni intergovernattiva ta' 48 pajjiż Ewropew fil-qasam tal-edukazzjoni għolja. Dan jiġġwida l-isforz kollettiv tal-awtoritajiet pubbliċi, l-universitajiet, l-għalliema u l-istudenti, flimkien mal-assoċjazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, l-impjegaturi, l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, u l-istituzzjonijiet, inkluża l-Kummissjoni Ewropea, dwar kif tista' tittejjeb l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja. L-enfasi ewlenija hija l-introduzzjoni tas-sistema ta' tliet ċikli (Baċċellerat/Masters/Dottorat), l-assigurazzjoni tal-kwalità msaħħa u r-rikonoxximent aktar faċli tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' studju (<https://education.ec.europa.eu/mt/education-levels/higher-education/inclusive-and-connected-higher-education/bologna-process>).

⁽⁵⁾ Il-Proċess ta' Copenhagen trineda mid-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen, approvata fit-30 ta' Novembru 2002 mill-ministri responsabbli mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fl-Istati Membri, fil-pajjiżi kandidati, fil-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA, fis-sħab Soċjali Ewropej u fil-Kummissjoni Ewropea. Dawn qablu dwar il-prijoritajiet u l-istrateġiji għall-promozzjoni tal-fiduċja reċiproka, it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kompetenzi u l-kwalifiki sabiex tiżdied il-mobbiltà u jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja. Id-Dikjarazzjoni tappella għal tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea fil-VET fl-Ewropa kollha. Din tiffoka fuq il-kontribut tal-VET għall-isfidi identifikati fl-istrateġija ta' Liżbona: it-tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea tal-VET, it-titjib tas-sistemi ta' trasparenza, informazzjoni u gwida, ir-rikonoxximent tal-kompetenzi u l-kwalifiki, inkluż it-tagħlim mhux formali u informali, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-assigurazzjoni tal-kwalità (<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1536&langId=mt>).

⁽⁶⁾ L-iżvilupp tal-materjal professjonali għall-membri tal-Qrati u tat-Tribunali ma huwiex kopert minn din l-istrateġija.



- (vi) Filwaqt li l-EUAA hija impenjata bis-sħiħ għal din l-Istrateġija, l-impenn tal-Istati Membri u l-involvement tagħhom fil-livelli kollha huma kruċjali għall-implimentazzjoni tagħha.

4. Obiettivi

Bl-implimentazzjoni ta' Strateġija għat-Taħriġ u t-Tagħlim, l-EUAA għandha l-għan li:

- (i) Tiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija tal-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza

L-EUAA għandha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar li l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jiġu pprovduti bl-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija meħtieġa biex iwettqu xogħolhom f'livell sodisfaċenti. F'dan ir-rigward, il-Qafas Ewropew għall-Kwalifiki Settorjali (ESQF) għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza jidentifika kemm il-kompiti li jwettqu l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, kif ukoll l-eżiti tal-apprendiment meħtieġa għat-twettiq b'suċċess tagħhom. Għalhekk, l-ESQF jipprovdi gwida komprensiva dwar x'għandhom ikunu jafu u jistgħu jagħmlu l-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza, taħt livell speċifiku ta' responsabbiltà u awtonomija, sabiex iwettqu d-dmirijiet u l-kompiti tagħhom. L-użu tiegħu matul iċ-ċiklu ta' taħriġ jiżgura li t-taħriġ tal-EUAA jkun rilevanti u adegwat għall-użu tiegħu.

- (ii) Iżżid il-kapaċità u t-tnejjija

L-attivitajiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tal-EUAA jgħinu lill-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri biex isaħħu l-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija tal-persunal tagħhom, u b'hekk itejbu l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-kompiti tagħhom ta' kuljum, kif ukoll iżidu r-reżiljenza tagħhom meta jiffaċċjaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni sproporzjonata. Il-fatt li jkun hemm uffiċjali kompetenti u tas-sengħa jippermetti li l-amministrazzjonijiet nazzjonali jkunu ppreparati sew biex jirrispondu malajr għal sitwazzjonijiet ta' żieda fl-influss ta' persuni li jfittxu l-ażil, b'mod partikolari billi japplikaw proċeduri effiċjenti, filwaqt li f'kull ħin jiżguraw il-konformità mas-SEKA.

- (iii) Tippetromwovi tagħlim attiv

L-istudenti adulti għandhom rwol ċentrali fl-esperjenza tagħhom ta' tagħlim u żvilupp, u l-EUAA għandha l-għan li ttipprovdi ambjent ta' tagħlim sikur fejn l-istudenti adulti jistgħu jesploraw kwistjonijiet u jiddiskutu sfidi prattiċi taħt il-gwida ta' ħarrieġ/kowċ b'għarfien espert fil-qasam. Ċentrali għall-approċċ ta' tagħlim attiv huwa l-element ta' tagħlim bejn il-pari, fejn l-ambjent ta' tagħlim u ta' taħriġ jippermetti opportunità stimulanti għall-istudenti biex jiddiskutu l-isfidi u jiskambjaw fehmiet ma' prattikanti oħra fil-qasam.

- (iv) Tippetromwovi żvilupp professjonali kontinwu

L-attivitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu (CPD) tal-EUAA jindirizzaw kemm lill-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza kif ukoll lill-ħarrieġ fil-moduli u l-korsijiet tal-EUAA. L-attivitajiet tas-CPD huma organizzati bħala parti mill-istrateġija ta' tagħlim tul il-ħajja tal-EUAA fil-qasam tal-ażil u tal-akkoljenza, li jippermettu t-tiżiħ tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi tul il-ħajja tal-uffiċjali





tal-ażil u tal-akkoljenza. Is-CPD huwa kruċjali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' taġħlim bil-għan li tiżdied il-konverġenza fl-implimentazzjoni tas-SEKA.

Huwa kruċjali wkoll għall-EUAA li l-ħarrieġa fil-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil ikollhom opportunitajiet biex jiżviluppaw u jżommu l-kompetenzi relatati mal-kontenut u l-ħiliet andragoġiċi taġħhom sal-ogħla standards, inkluż permezz ta' proċess ta' ċertifikazzjoni. Dan jinkludi wkoll CPD ta' kompetenzi trasversali bħall-komunikazzjoni diġitali u interkulturali.

(v) Timplimenta strateġija ta' valutazzjoni

F'konformità mal-ESG 2015 u mal-viżjoni fit-tul tal-EUAA li tikseb akkreditazzjoni bħala fornitur tal-edukazzjoni għolja (jiġifieri, Akkademja prospettiva tal-EUAA) li twassal programmi u moduli akkreditati, l-Aġenzija qed timplimenta valutazzjonijiet trasparenti, ġusti u affidabbli bħala parti essenzjali mit-taħriġ taġħha. Il-valutazzjoni tiffirma parti integrali minn kwalunkwe proċess ta' taħriġ u taġħlim. Attivitajiet ta' valutazzjoni mfassla tajjeb juru li l-istudenti kisbu r-riżultati ta' taġħlim maħsuba u b'hekk jipprovdu assigurazzjoni ta' dak li l-istudent għandu jkun jaf u jkun jista' jagħmel ladarba jitlesta l-proċess tat-taġħlim. Il-valutazzjoni tal-istudenti li jwettqu attivitajiet ta' taħriġ u ta' taġħlim tal-EUAA hija mfassla biex tkun rigoruża, trasparenti u konsistenti. Sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-proċess ta' valutazzjoni, l-Aġenzija għandha, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ, tiżviluppa u tiġġestixxi proċedura ta' appell tal-valutazzjoni għal każijiet fejn irregolaritajiet fil-kompitu jew fil-proċedura ta' valutazzjoni jaffettwaw indebitament il-prestazzjoni ta' student fil-valutazzjoni, kif ukoll proċedura għall-investigazzjoni u s-segwitu ta' każijiet ta' mgħiba akkademika ħażina (irreferi għat-taqsima 3, il-punt (v)).

(vi) Tirrikonoxxi t-taġħlim preċedenti

L-EUAA tikkonferma u tirrikonoxxi t-taġħlim preċedenti inkluż it-taġħlim formali, informali u mhux formali. L-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi eżistenti minn qabel tal-istudenti jiġibu valur addizzjonali għall-proċess tat-taġħlim u jsaħħu l-komponent tat-taġħlim bejn il-pari. Għalhekk, l-EUAA tistabbilixxi u timplimenta proċeduri għar-rikonoxximent ta' taġħlim u ta' esperjenza minn qabel. Tali rikonoxximent għandu wkoll l-għan li jnaqqas ir-ripetizzjoni tat-taġħlim, u b'hekk jimmassimizza l-effiċjenza.

5. L-oqfsa ta' taħriġ

It-taħriġ tal-EUAA jingħata fi tliet kuntesti ewlenin:

(i) Sessjonijiet Ewropej tal-kurrikulu dwar l-ażil

Il-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil huwa wieħed mill-għodod prattiċi tal-EUAA li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva tas-SEKA. Il-kurrikulu tal-istudenti huwa magħmul prinċipalment minn moduli ta' taħriġ, bil-possibbiltà ta' valutazzjonijiet volontarji li jwasslu għal ċertifikazzjoni, iżda jinkludi wkoll firxa wiesgħa ta' materjal tas-CPD. Imfassla prinċipalment biex jitħarrġu uffiċjali tal-każ u prattikanti oħra tal-ażil u tal-akkoljenza fl-UE kollha, il-moduli ta' taħriġ tal-EUAA huma integrati f'sistema ta' taħriġ komuni, li tkopri l-qasam kollu tal-protezzjoni internazzjonali permezz ta' sett ta' moduli interattivi.





Il-kurrikulu tal-istudenti huwa kkomplementat minn kurrikulu distint għall-ħarrieġa li huwa magħmul minn sett ta' korsijiet dwar il-kontenut kif ukoll moduli vvalutati dwar it-tekniki ta' tagħlim u ta' valutazzjoni tal-adulti għall-ħarrieġa. Il-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil jista' jintuża fil-kuntest ta' appoġġ permanenti biex jgħin lill-Istati Membri jstabbilixxu qafas ta' taħriġ għall-persunal tagħhom jew biex jikkomplementaw l-istrutturi nazzjonali ta' taħriġ eżistenti tagħhom permezz ta' materjali ta' taħriġ ta' kwalità għolja u żviluppati b'mod komuni.

(ii) Taħriġ fil-kuntest ta' assistenza operazzjonali u teknika

Waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-EUAA hija li tipprovdi lill-Istati Membri b'assistenza operazzjonali u teknika, b'mod partikolari fejn is-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom ikunu soġġetti għal pressjoni sproporzjonata. Il-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil jifforma l-bażi għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ operazzjonali. Skont il-kompiti speċifiċi li għandhom jitwettqu fuq il-post, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tal-kuntest operazzjonali, jista' jiġi żviluppat materjal ta' taħriġ speċifiku komplementari.

It-taħriġ mogħti biex jappoġġa lill-Istati Membri li s-sistema tal-ażil u l-akkoljenza tagħhom hija soġġetta għal pressjoni sproporzjonata huwa ggwidat mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tar-Regolament EUAA, kif ukoll min-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-pjanijiet operazzjonali. Kull meta jkun meħtieġ, dan jingħata f'koordinazzjoni mal-iskjerament ta' timijiet ta' appoġġ għall-ażil. F'dan ir-rigward, l-EUAA għandha l-kompitu li tivverifika u tiżgura li l-esperti skjerati bħala parti mit-timijiet ta' appoġġ għall-ażil ikunu rċevew it-taħriġ meħtieġ. Fejn ikun meħtieġ, dan jista' jipprovdihom, qabel jew mal-iskjerament tagħhom, b'taħriġ li jkun speċifiku għall-assistenza operazzjonali u teknika li tkun qed tiġi pprovduta.

(iii) Attivitajiet ta' taħriġ fil-kuntest ta' arranġamenti tax-xogħol

L-EUAA għandha wkoll il-mandat li tinvolti ruħha f'attivitajiet ta' bini tal-kapaċità ma' pajjiżi terzi skont l-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Esterna tal-EUAA, fil-qafas tal-arranġamenti tax-xogħol konklużi mal-awtoritajiet ta' dawk il-pajjiżi. L-appoġġ għall-bini tal-kapaċità jista' jinkludi wkoll it-taħriġ ta' uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza ta' pajjiżi terzi.

Fil-qafas ta' arranġamenti ta' ħidma oħra, l-Aġenzija tista' wkoll tinvolti ruħha f'attivitajiet ta' taħriġ ma' korpi oħra tal-UE kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn jistgħu jinkludu l-iskambju ta' Prattiki tajbin fil-qasam tat-taħriġ, tal-parteċipazzjoni reċiproka f'attivitajiet ta' taħriġ jew tal-iżvilupp konġunt ta' azzjonijiet speċifiċi ta' taħriġ.

6. L-analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ

L-EUAA tapplika metodoloġija flessibbli, strutturata u bbażata fuq l-evidenza biex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-ażil u tal-akkoljenza tal-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati oħra fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ u tagħlim.

Il-metodoloġija hija applikata b'mod kollaborattiv bl-involvement sħiħ tal-kontropartijiet rilevanti kollha fl-amministrazzjonijiet nazzjonali, u b'mod partikolari t-taħriġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs), li jaġixxu bħala kollegament mal-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom dwar kwistjonijiet





relatati mat-taħriġ. L-NCPs tat-taħriġ jiġu nnominati mill-Istati Membri, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-EUAA dwar il-ħtiġijiet u r-responsabbiltajiet relatati mat-twettiq ta' din il-funzjoni. Konsultazzjonijiet estensivi ma' dawn il-kontropartijiet huma inkorporati fil-metodoloġija.

Il-metodoloġija hija mfassla biex tqis is-sitwazzjoni tal-ażil fil-livell nazzjonali u Ewropew meta jiġu identifikati l-ixprunaturi tal-ħtiġijiet ta' kompetenza, biex tinkorpora bis-siġħ l-użu tal-ESQF u biex tiffoka fuq il-ħtiġijiet ta' taħriġ kemm għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza rekrutati ġodda kif ukoll dawk esperjenzati.

L-EUAA tapplika l-metodoloġija kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq livell nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' appoġġ operazzjonali u *ad hoc*.

7. It-tfassil u l-iżvilupp tat-taħriġ

7.1. Tfassil tat-taħriġ

L-EUAA tfassal it-taħriġ tagħha abbażi ta' approċċ tal-eżiti tal-apprendiment, u b'hekk tiffoka fuq l-għarfien, il-ħiliet, ir-responsabbiltà u l-awtonomija li l-istudent għandu jkseb ladarba jitlesta t-taħriġ. L-implimentazzjoni tal-eżiti tal-apprendiment fit-tfassil tat-taħriġ tikkontribwixxi għal approċċ iċċentrat fuq l-istudent, li jpoġġi l-enfasi fuq dak li se jkun jaf u dak li se jkun kapaċi jagħmel l-istudent. Imbagħad, tiġi identifikata l-istrateġija ta' taħriġ l-aktar xierqa, u jiġu żviluppati valutazzjonijiet biex ikejlu u juru l-kisba tal-eżiti tal-apprendiment.

Dan l-approċċ jipprovdi l-pedament għall-akkreditazzjoni tal-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil, li huwa appoġġat mill-Istati Membri permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar iċ-Ċertifikazzjoni u l-Akkreditazzjoni tal-EUAA (CAWG), u li huwa mingħajr preġudizzju għas-sistemi nazzjonali.

7.2. L-iżvilupp tal-materjal ta' taħriġ

Il-materjal ta' taħriġ jiġi żviluppat mill-EUAA f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, li huma mistiedna jikkontribwixxu għall-proċess ta' abbozzar fi rwol ta' appoġġ permezz tan-nomina ta' esperti tal-kontenut. F'konformità mar-Regolament EUAA, entitajiet oħra bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), kif ukoll entitajiet rilevanti ta' taħriġ, istituzzjonijiet akkademiċi, assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, networks ta' taħriġ jew organizzazzjonijiet rilevanti oħra, jistgħu jkunu involuti fejn xieraq. Meta jkun meħtieġ, l-EUAA tista' tuża wkoll is-servizzi ta' esperti esterni rimunerati b'għarfien u b'esperjenza estensiva tas-suġġetti inkwistjoni.

B'mod partikolari, l-EUAA tikkollabora mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-qafas tal-Grupp ta' Referenza, li jaġixxi bħala rieżaminatur tal-kontenut. Il-Grupp ta' Referenza huwa magħmul minn rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-UNHCR, minn membri tas-soċjetà ċivili, mill-akkademja u, fejn rilevanti, minn membri tal-qrati u tat-tribunali.

L-EUAA trawwem ukoll djalogu miftuħ mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet ta' taħriġ tagħha permezz tal-Forum Konsultattiv, li jiġi kkonsultat dwar il-kurrikulu Ewropew dwar





I-ażil. Sabiex jenfasizza l-impenn tal-EUAA għad-drittijiet fundamentali, il-kurrikulu huwa wkoll is-suġġett ta' konsultazzjonijiet mal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali.

Permezz tal-kooperazzjoni tagħha mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni bħala parti mill-proċess tat-tfassil u tal-iżvilupp, l-EUAA tippromwovi fehim u kollaborazzjoni reċiproċi fost l-atturi rilevanti tal-UE biex tkompli ttejjeb il-konsistenza u l-konformità tal-materjal ta' taħriġ mal-istandards stabbiliti fil-liġi u fil-ġurisprudenza internazzjonali u Ewropea.

Fil-każijiet kollha, ir-responsabbiltà aħħarija għall-kontenut tal-materjal ta' taħriġ hija miżmuma mill-EUAA.

Meta l-EUAA tiżviluppa, ittejjeb u taġġorna l-materjal ta' taħriġ, jiġi adattat approċċ inklużiv għal udjenzi differenti filwaqt li jitqiesu l-analiżi tal-ħtiġijiet, il-kunsiderazzjonijiet tal-ħin u tal-kosteffiċjenza, kif ukoll il-ħtiġijiet ta' popolazzjoni diversa ta' studenti, b'mod partikolari f'termini ta' stili ta' tagħlim preferuti. L-EUAA tuża metodoloġiji innovattivi ta' taħriġ u tagħlim b'użu estensiv mill-approċċ ta' tagħlim imħallat tagħha li jikkonsisti f'element ta' tagħlim elettroniku u taħriġ wiċċ imb wiċċ jew webinars, kif ukoll taħriġ u kkwċjar fuq il-post tax-xogħol, tagħlim bejn il-pari, tagħlim tal-mobbiltà, workshops u konferenzi professjonali.

Il-materjal ta' taħriġ tal-EUAA huwa żviluppat bl-Ingliż. Madankollu, il-moduli kollha huma disponibbli għat-traduzzjoni fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE fuq talba mill-Istati Membri, f'konformità mal-ħtiġijiet stabbiliti u skont id-disponibbiltà tar-riżorsi. Fuq l-istess bażi, u fid-dawl tal-arranġamenti tax-xogħol ma' pajjiżi assoċjati u ma' pajjiżi terzi, l-EUAA tista' wkoll tittraduċi moduli ta' taħriġ fil-lingwi nazzjonali ta' dawn il-pajjiżi. Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha jsiru disponibbli fuq is-Sistema ta' Ġestjoni tat-Tagħlim (LMS) tal-EUAA.

7.3. Rieżami tat-taħriġ

L-EUAA tirrieżamina l-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil fuq bażi regolari. Kull modulu għandu ċ-“ċiklu tal-ħajja” tiegħu b'durata medja ta' ħames snin. Fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, il-modulu jiġi rieżaminat, u tittieħed deċiżjoni dwar il-ħtieġa li jiġi aġġornat jew imtejjeb. L-EUAA għandha wkoll id-dritt li twaqqaf modulu wara evalwazzjoni dwar l-użu tiegħu u wara diskussjonijiet mal-Istati Membri.

8. It-twassil u l-faċilitazzjoni tat-taħriġ

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet ewlenin ta' taħriġ tal-EUAA tiddependi primarjament minn sistema ta' ħarreġ lill-ħarrieġa (li għandha effett multiplikatur) biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil fi ħdan l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Permezz ta' din is-sistema, l-EUAA tistabbilixxi pjan ta' taħriġ annwali għall-għoti ta' taħriġ lil ħarrieġa nazzjonali li, mat-tlestija tat-taħriġ, jorganizzaw u jipprovdu taħriġ għall-pari tagħhom fil-livell nazzjonali. Din is-sistema mhux biss timmassimizza l-isforzi ta' taħriġ tal-EUAA iżda tippermetti wkoll flessibbiltà akbar fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' taħriġ u tipprevedi l-bini tal-kapaċità durabbli fl-Istati Membri.





L-EUAA tappoġġa wkoll il-kooperazzjoni reġjonali dwar inizjattivi ta' taħriġ li minnhom aktar minn pajjiż wieħed tal-UE+ jista' potenzjalment jibbenefika. Barra minn hekk, l-EUAA tappoġġa l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ f'livell reġjonali, inklużi sessjonijiet ta' taħriġ għall-ħarrieġa kif ukoll sessjonijiet ta' taħriġ nazzjonali bil-għan li jitnaqqsu l-kostijiet organizzattivi u tiġi promossa l-kooperazzjoni reġjonali.

Dwar arranġamenti *ad hoc*, l-EUAA tista' tipprovdi wkoll taħriġ imfassal apposta għall-uffiċjali tal-ażil u tal-akkoljenza.

8.1. Grupp ta' Taħriġ tal-EUAA

Il-ħarrieġa fil-kurrikulu Ewropew dwar l-ażil huma atturi ewlenin fl-iżgurar tal-kwalità u għandhom rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tas-SEKA. L-EUAA stabbilixxa Grupp ta' Taħriġ biex jikkoordina l-involvement tal-esperti tal-Istati Membri fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ. Il-Grupp jikkontribwixxi għat-trawwim tal-kooperazzjoni eżistenti fil-qasam tal-ażil u l-promozzjoni tal-aħjar prattiki. Il-Grupp huwa mmexxi mill-EUAA f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u jikkonsisti f'esperti tal-kontenut, ħarrieġa tal-kontenut u esperti tad-didattika. L-EUAA tiġġestixxi wkoll network ta' ħarrieġa u ta' esperti permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni u laqgħat rilevanti.

Filwaqt li l-Grupp huwa ġeneralment ristrett għall-membri tal-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil u l-akkoljenza, l-EUAA tista' tinkludi b'eċċezzjoni atturi rilevanti oħra (eż., l-UNHCR) biex tappoġġa t-taħriġ f'oqsma speċifiċi.

L-EUAA ssegwi proċedura interna għall-ġestjoni tal-għażla ta' ħarrieġa, esperti tal-kontenut u esperti/ħarrieġa didattiċi għal attivitajiet relatati mat-taħriġ tal-EUAA.

Flimkien mal-ħarrieġa tal-kontenut, mal-esperti tal-kontenut u mal-esperti didattiċi mill-Grupp, l-EUAA tagħmel użu wkoll minn personal kwalifikat kif ukoll minn esperti esterni għall-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA, fejn rilevanti.

9. Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rieżami perjodiku kontinwi

L-EUAA żżomm sistema ta' monitoraġġ għall-attivitajiet kollha ta' taħriġ tagħha abbażi tal-ġbir kontinwu ta' *data* korretta dwar għadd ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Il-monitoraġġ tad-*data* jinżamm taħt rieżami kostanti mill-EUAA u fuq bażi annwali minn Grupp Konsultattiv għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ magħmul minn uffiċjali għolja mill-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Kull meta jinstabu kwistjonijiet li jista' jkollhom impatt fuq il-kwalità, tittieħed azzjoni korrettiva.

Il-monitoraġġ tad-*data* jikkontribwixxi wkoll għall-evalwazzjonijiet perjodiċi tal-attivitajiet ta' taħriġ. Tali evalwazzjonijiet huma mwettqa f'konformità ma' metodoloġija standardizzata u l-eżiti tagħhom jitqiesu sabiex jiġu identifikati l-lakuni fil-kurrikulu u fir-rieżaminar tal-kwalità tal-attivitajiet ta' taħriġ.





Il-progress fuq l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet mill-attivitajiet ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni jiġi rieżaminat regolarment mill-maniġment biex jiġi żgurat li jirriżulta fit-titjib kontinwu tal-attivitajiet ta' taħriġ. Barra minn hekk, l-EUAA tteġġeġ komunikazzjoni informali u formali mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jiġu identifikati oqsma ta' titjib potenzjali għall-attivitajiet ta' taħriġ u ta' tagħlim tal-EUAA.

L-EUAA tirrapporta perjodikament dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ u l-kisbiet rilevanti tagħha, kif ukoll dwar ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet. Fuq bażi annwali, l-EUAA tippubblika rapport ta' taħriġ dwar l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-EUAA kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali. Rapport annwali bbażat fuq *data* ta' monitoraġġ tat-taħriġ jiġi prodott f'konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità tat-Taħriġ. Il-provvista f'waqtha u preċiża ta' *data* mill-Istati Membri permezz tan-network għat-Taħriġ tal-NCP tippermetti lill-EUAA teżerċita b'suċċess il-funzjoni tagħha ta' taħriġ u tagħlim.



ISBN 978-92-9400-686-8



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

